

Brussell, 6 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16206/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0413(COD)**

ENV 1426
FORETS 201
AGRI 770
AGRILEG 323
CODEC 2345

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	16086/23 + ADD 1 - COM(2023) 728 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament dwar Qafas ta' Monitoraġġ għal Foresti Ewropej Reżiljenti - Preżentazzjoni mill-Kummissjoni - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Fit-22 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar Qafas ta' Monitoraġġ għal Foresti Ewropej Reżiljenti. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi qafas ta' osservazzjoni tal-foresti fl-UE kollha li ser jipprovdi informazzjoni dwar il-kundizzjoni u l-ġestjoni tal-foresti tal-UE, u dwar il-ħafna prodotti u servizzi tal-ekosistema li jipprovdu l-foresti.
2. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġislattiva tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent fl-1 ta' Diċembru 2023, u lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Forestrija fil-5 ta' Diċembru 2023.
3. Sabiex tiggwida d-dibattitu dwar il-proposta leġislattiva msemmija hawn fuq fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) tat-18 ta' Diċembru 2023, il-Presidenza ħejjiet nota ta' informazzjoni u tliet mistoqsijiet, kif jidhru fl-Anness għal din in-nota.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tal-mistoqsijiet tal-Presidenza u jgħaddihom lill-Kunsill għad-dibattitu ta' orjentazzjoni msemmi hawn fuq.

Proposta għal Regolament dwar Qafas ta' Monitoraġġ għal Foresti Ewropej Reżiljenti

- Nota mill-Presidenza -

Fit-22 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Proposta għal Regolament dwar Qafas ta' Monitoraġġ għal Foresti Ewropej Reżiljenti ("Proposta"). Din il-Proposta tikkostitwixxi l-inizjattiva leġislattiva ewlenija tal-"Istrateġija l-għdida tal-UE għall-Foresti għall-2030", ippubblikata fl-2021.

L-objettiv ewlieni tal-Proposta huwa li ttejjeb l-informazzjoni disponibbli dwar il-foresti Ewropej, tiżgura l-puntwalità, il-preċiżjoni, il-konsistenza, it-trasparenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tad-data dwar il-foresti fl-UE, u l-aċċessibbiltà pubblika tagħhom.

Billi tiġbor u tagħmel aċċessibbli l-informazzjoni dwar il-foresti, il-Proposta għandha l-għan li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-politiki tal-UE li jappartjenu għall-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-ekosistemi tal-foresti u s-servizzi tagħhom.

Għal dan l-għan, il-Proposta tistabbilixxi sistema ta' ġbir ta' data dwar il-foresti ġestita mill-Kummissjoni Ewropea, li tkun tinkludi tmien indikaturi bażiċi tal-foresti. Din id-data għandha tinkiseb bl-użu tat-telerilevament, b'mod partikolari permezz tal-programm Copernicus.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jkollhom jikkontribwixxu għal dan il-proċess billi jipprovdu data aġġornata dwar erbatax-il indikatur tal-foresti. Din id-data komplementari għandha tinkiseb permezz ta' kombinament ta' sħarriġ fuq l-art, osservazzjoni tad-Dinja u sorsi oħra ta' informazzjoni.

Skont il-Proposta, l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea huma mistennija jikkooperaw u jikkoordinaw l-isforzi tagħhom biex itejbu l-kwalità, il-puntwalità u l-kopertura tad-data dwar il-foresti. Għal dan l-għan, jistgħu jintużaw strutturi ta' kooperazzjoni istituzzjonali reġjonali eżistenti.

Bi tweġiba għall-aħbar ta' din il-Proposta fl-Istrateġija l-għdida tal-UE għall-Foresti għall-2030, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati f'Novembru 2021 ħeġġew l-użu ta' proċessi internazzjonali eżistenti ta' monitoraġġ u rappurtar, flimkien mal-użu ta' definizzjonijiet u indikaturi eżistenti żviluppatti fi proċessi internazzjonali u reġjonali bħal Forest Europe. Barra minn hekk, l-Istati Membri fakkru li l-għbir, l-ipproċessar, ir-rappurtar u l-interpretazzjoni tad-data għandhom jagħmlu użu mill-inventarji nazzjonali eżistenti tal-foresti u l-kooperazzjoni internazzjonali relatata taħt, fost l-oħrajn, in-network ENFIN.

Mistoqsijiet għad-dibattitu ta' orjentazzjoni

B'kont meħud tal-kontenut tal-Proposta u biex jiggwidaw l-ewwel negozjati fil-Kunsill, il-Ministri huma mistiedna jiskambjaw fehmiet dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- *Taħseb li l-proposta tkopri l-aspetti kollha meħtieġa għall-istabbiliment ta' sistema effettiva ta' monitoraġġ tal-foresti biex tiġi żgurata r-reżiljenza tal-foresti kontra r-riskji attwali u futuri?*
- *Fl-opinjoni tiegħek, liema aspetti tal-qafas ta' monitoraġġ tal-foresti propost ser ikunu aktar ta' benefiċċju biex jiġu indirizzati l-lakuni attwali fid-data dwar il-foresti?*
- *Kif nistgħu ntejbu l-kosteffettività ta' din il-proposta, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tagħha fil-livell nazzjonali?*

Ħin għad-diskorsi: tliet minuti għal kull Stat Membru.